Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,106, 9 ta' Marzu, 1983

Taqsima A

MALTA

ATT Nru. I ta' l-1983

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi għat-twaqqif ta' arei għall-iżvilupp tal-bini, għall-akkwist u għat-trasferiment ta' art li tkun tinsab fihom u biex ikun jista' aktar jiġi regolat l-iżvilupp tal-bini.

ACT No. I of 1983

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to make provision for the establishment of building development areas, for the acquisition and disposal of land contained therein and for the further regulation of building development.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

9 ta' Marzu, 1983

ATT Nru. I ta' l-1983

ATT biex jipprovdi għat-twaqqif ta' arei għall-iżvilupp tal-bini, għall-akkwist u għat-trasferiment ta' art li tkun tinsab fihom u biex ikun jista' aktar jiġi regolat l-iżvilupp tal-bini.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor. **1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini.

Tifsir. **2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"art għall-bini" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 4 ta' dan l-Att;

"area mibnija" tfisser kull area li għal medda kontinwa ta' 150 jarda (137.16 metri) tal-faċċata tagħha fuq kull naħa tat-triq, jekk it-triq tkun tista' tiġi żviluppata fuq iż-żewġ naħat, jew 300 jarda (274.32 metri) jekk it-triq tkun tista' tiġi żviluppata fuq naħa waħda biss, ikollha mill-inqas ħamsin fil-mija okkupata bil-bini;

"bini ġdid" tfisser bini mibni wara l-erbatax ta' Frar, 1983;

"Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet" tfisser il-Bord imwaqqaf bl-artikolu 21 ta' l-Ordinanza;

"Kodiċi" tfisser il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju ta' l-Artijiet;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet, u għall-fini ta' l-għoti ta' xi awtorizzazzjoni taħt dan l-Att tinkludi kull persuna delegata bil-miktub mill-Ministru għal dak l-għan;

Kap. 136 "Ordinanza" tfisser l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi;

"Strixxa Ħadra" għandha t-tifsir mogħti lilha bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 12 ta' dan l-Att.

Arei għall-Iżvilupp tal-Bini.

3. (1) Il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jiddikjara kull art f'Malta biex tkun Area għall-Iżvilupp tal-Bini u għandu jiddeskrivi dik l-area b'dak il-mod li jidhirlu xieraq.

(2) Qabel ma jagħmel dik id-dikjarazzjoni l-Ministru għandu jipprepara Proġett li għandu jinkludi dawk il-pjanti u dak it-tagħrif deskrittiv li jista' jkun neċċessarju sabiex juri l-art kollha li jkun bi ħsiebu jinkludi f'Area għall-Iżvilupp tal-Bini.

(3) Kemm jista' jkun malajr wara l-preparazzjoni tal-Proġett, kopja tiegħu għandha tiġi depożitata fl-Uffiċċju tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u għandha tkun miftuħa għal spezzjoni pubblika matul il-ħinijiet normali tax-xogħol tad-Dipartiment għal perijodu ta' mill-anqas sitt ġimgħat, u d-Direttur tax-Xogħlijiet għandu jieħu ħsieb li jiġi pubblikat avviż fil-Gazzetta u f'mill-anqas żewġ gazzetti lokali ta' kuljum, fejn juru l-ġranet u l-ħinijiet li fihom u matulhom il-Proġett għandu jkun miftuħ għal spezzjoni pubblika.

(4) Ebda art meqjusa bħala art għall-bini skond l-artikolu 4 ta' dan l-Att jew l-artikolu 17 ta' l-Ordinanza u ebda art li ma tkunx ġiet inkluża fi Proġett depożitat fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu u miftuħ għall-ispezzjoni pubblika għaż-żmien hemm imsemmi, ma tkun inkluża f'Area għall-Iżvilupp tal-Bini.

(5) Meta xi art tkun ġiet dikjarata bħala Area għall-Iżvilupp tal-Bini kif provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u l-Ministru jkun ipprepara Proġett skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u l-proċedura stabbilita fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu tkun ġiet segwita u ż-żmien hemm imsemmi jkun għadda, il-Ministru għandu jieħu ħsieb li d-dikjarazzjoni titqiegħed quddiem il-Kamra biex tiġi kunsidrata minnha.

(6) Il-Kamra tista' b'riżoluzzjoni jew tadotta jew tiċħad dik id-dikjarazzjoni jew tista' tapprova dik id-dikjarazzjoni b'kull modifika li jidhrilha xieraq li tagħmel.

(7) Meta l-Kamra tadotta jew tapprova d-dikjarazzjoni kif provdut fis-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, l-Iskrivan tal-Kamra għandu jieħu ħsieb li kopja tar-riżoluzzjoni tiġi pubblikata fil-Gazzetta u d-Direttur tax-Xogħlijiet għandu jieħu ħsieb li kopja ta' dik ir-riżoluzzjoni flimkien ma' kull pjanti jew dokumenti mehmuża magħha jitqiegħdu għall-wiri fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet f'post aċċessibbli għall-pubbliku waqt il-ħinijiet normali tax-xogħol fid-Dipartiment.

(8) Kull dikjarazzjoni magħmula mill-Ministru u adottata jew approvata mill-Kamra, tista' tiġi emendata jew revokata b'dikjarazzjoni oħra magħmula mill-Ministru u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5), (6) u (7) ta' dan l-artikolu għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dikjarazzjoni magħmula taħt dan is-subartikolu.

Meta art titqies art għall-bini.

4. (1) Art titqies li hi art għall-bini għall-finijiet ta' dan l-Att jekk ikollha faċċata fuq triq li ġa teżisti u tkun qiegħda f'area mibnija jew, bla ħsara għall-paragrafu (2) ta' dan l-artikolu tkun qiegħda f'distanza ta' mhux iżjed minn 100 jarda (91.44 metri) minn area mibnija, li għandha titkejjel tul l-assi tat-triq.

(2) Biex tiġi stabbilita jekk art hix art għall-bini minħabba l-fatt li tkun qiegħda f'distanza ta' mhux iżjed minn 100 jarda (91.44 metri) minn area mibnija, għandu jittieħed kont għat-tkabbir immedjat li aktarx isir ta' l-area mibnija fid-direzzjoni ta' l-art in kwistjoni.

(3) Art li tidħol fit-tifsir tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu għandha titqies li tkun art għall-bini sa fond l-aktar ta' 12-il qasba (25.146 metri).

Esproprjazzjoni ta' art wara pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni fil-Gazzetta.

5. (1) Salv id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 7 u 8 ta' dan l-Att, b'seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Kamra msemmija fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, l-art kollha li tkun f'Area għall-Iżvilupp tal-Bini għandha, bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr il-ħtieġa ta' xi formalità oħra meħtieġa b'liġi, titqies għall-finijiet u effetti kollha ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra li hi art akkwistata għal skop pubbliku b'xiri assolut u bi proprjetà assoluta, libera u franka minn kull piż, ipoteka jew privileġġ taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza, u ma' dan, dawk id-dispożizzjonijiet kollha ta' l-Ordinanza li m'humiex inkompatibbli ma' dan l-Att għandhom ikomplu japplikaw għal dik l-art bl-istess mod u taħt l-istess kondizzjonijiet daqslikieku l-art ġiet akkwistata għal skop pubbliku b'xiri assolut taħt l-Ordinanza.

Att XVI ta' l-1967.

(2) B'seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Kamra msemmija fis-subartikolu li jaħbat minnufih qabel dan, il-kiri kollu li għalih l-art setgħet kienet suġġetta qabel il-pubblikazzjoni tar-riżoluzzjoni għandu, minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', bis saħħa ta' dan l-Att jintemm mingħajr il-ħtieġa ta' xi formalità oħra meħtieġa b'liġi u ma' dan, dawk id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 19A ta' l-Ordinanza għandhom japplikaw għall-ħlas tal-kumpens mill-Kummissarju lill-kerrej.

(3) Kull persuna li jkollha jedd fuq jew interess fl-art li għaliha japplika dan l-artikolu, ikollha l-jedd li tmur quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet u l-Qorti Ċivili Prim'Awla sabiex jiġi deċiż il-jedd tagħha fuq jew l-interess f'dik l-art, l-ammont ta' kull kumpens li jista' jkollha jedd għalih u sabiex tikseb il-ħlas għal dak il-kumpens; u d-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi dwar il-proċeduri quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet u l-Qorti Ċivili Prim'Awla f'każijiet ta' akkwist ta' artijiet għal skop pubbliku għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċeduri li jittieħdu minn dik il-persuna quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet jew il-Qorti Ċivili Prim'Awla taħt dan l-Att, skond il-każ, u l-imsemmija Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet u l-Qorti Ċivili Prim'Awla jkunu vestiti b'ġurisdizzjoni f'każijiet bħal dawn:

Iżda dik il-persuna jkollha d-dritt għal appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell minn kull deċiżjoni tal-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet u tal-Qorti Ċivili Prim'Awla; u d-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi dwar il-proċeduri għal appelli minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ċivili Prim' Awla, għandhom japplikaw għal proċeduri li jittieħdu minn dik il-persuna f'appell taħt dan l-Att u l-imsemmija Qorti ta' l-Appell tkun vestita b'ġurisdizzjoni f'każijiet bħal dawn.

Stima ta' art.

6. Kull art għandha tiġi stmata għall-fini tal-kumpens li għandu jitħallas skond l-artikolu 5 ta' dan l-Att bħala raba' jew moxa skond il-każ.

7. (1) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att meta persuna li jkollha jedd fuq jew interess f'xi art inkluża fi Proġett imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, tipprova b'dokumenti li dik l-art tkun ġiet akkwistata *bona fide* minnha qabel l-erbatax ta' Frar, 1983, bi prezz ogħla mill-kumpens li xort'oħra kien jitħallas skond l-Ordinanza, il-Ministru għandu jieħu ħsieb li dawk id-dokumenti jitqiegħdu quddiem il-Kamra flimkien mad-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 3 għall-konsiderazzjoni tagħha, u l-Kamra tista' fir-riżoluzzjoni li tadotta jew tapprova dik id-dikjarazzjoni jew: Proċedura meta art tkun inxtrat qabel l-14 ta' Frar, 1983.

(a) tinkludi dik l-art fl-Area għall-Iżvilupp tal-Bini, f'liema każ dak il-prezz ogħla għandu jitħallas bħala kumpens lil dik il-persuna; jew

(b) tinkludi dik l-art fl-Area għall-Iżvilupp tal-Bini u tiddikjara li d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att m'għandhomx japplikaw għaliha; jew

(c) teskludi dik l-art mill-Area għall-Iżvilupp tal-Bini.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu dokumenti għandhom jinkludu kopja legali ta' l-att ta' trasferiment relattiv għal dik l-art flimkien ma' pjanta ta' skala li tiġi determinata mill-Ministru b'regolamenti magħmula bis-saħħa ta' dan l-Att, u għandhom jintbagħtu lill-Ministru b'posta reġistrata mhux iktar tard minn sitt ġimgħat wara l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta ta' l-avviż imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att.

8. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att ma japplikawx għal — Meta ma japplikax l-artikolu 5 ta' dan l-Att.

(a) bini li diġa' jeżisti (barra minn bini li jokkupa art ta' area ta' inqas minn tmintax-il metru kwadru) sew jekk komplut sew jekk għadu qed jinbena jekk, fl-aħħar każ, permess għal dak il-bini fid-data tad-dikjarazzjoni ta' l-art bħala Area għall-Iżvilupp tal-Bini, ikun għadu fis-seħħ skond id-dispożizzjonijiet ta' xi regolamenti magħmula taħt il-Kodiċi; jew

(b) art li dwarha permess għall-bini jkun għadu fis-seħħ, fid-data tad-dikjarazzjoni ta' l-art bħala Area għall-Iżvilupp tal-Bini, skond id-dispożizzjonijiet ta' xi regolamenti magħmula taħt il-Kodiċi; jew

(c) art użata bħala barriera.

9. Kemm jista' jkun malajr wara l-pubblikazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Kamra msemmija fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att u f'kull każ mhux iktar tard minn tliet xhur minn dik il-pubblikazzjoni, il-Kummissarju għandu jieħu ħsieb li jiġi reġistrat fir-Reġistru ta' l-Artijiet, l-akkwist ta' dik l-art mill-Gvern, u għall-finijiet kollha ta' l-Att ta' l-1981 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, l-artijiet kollha inklużi f'Area għall-Iżvilupp tal-Bini għandhom jitqiesu li huma area dikjarata bħala area ta' reġistrazzjoni. Reġistrazzjoni ta' akkwist fir-Reġistru ta' l-Artijiet. Att XXXV ta' l-1981

10. Kemm jista' jkun malajr wara l-pubblikazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Kamra msemmija fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att, il-Kummissarju għandu jippreżenta kopja ta' dik ir-riżoluzzjoni (flimkien ma' partikolaritajiet biżżejjed biex l-art tkun tista' tingħaraf) fir-Reġistru tal-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet, u għandu jieħu ħsieb li kopja tagħha tiġi notifikata permezz ta' dak il-Bord bil-mod preskritt bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili lil kull persuna, li jkollha jedd fuq jew interess fl-art li għaliha tirreferi r-riżoluzzjoni, li l-Kummissarju jkun jaf bl-eżistenza u bl-identità tagħha. Notifika ta' kopja ta' riżoluzzjoni mill-Kummissarju. Kap. 15

Jeddijiet għal kumpens jitqiesu li huma immobbli.

11. (1) Il-jedd li jiġi riċevut kumpens għal akkwist magħmul bis-saħħa ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "Il-Jeddijiet għal Kumpens") għandu għall-finijiet kollha tal-liġi, jitqies li hu jedd immobbli minħabba l-oġġett li għalih jirreferi u jkun trasferibbli skond il-liġi skond kif jagħżel minn żmien għal żmien is-sid ta' dawk il-Jeddijiet għal Kumpens.

(2) Kull piż, ipoteka jew privileġġ li qabel ir-riżoluzzjoni tal-Kamra msemmija fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att, kien jaggrava xi art li tkun f'Area għall-Iżvilupp tal-Bini, għandu jkompli jaggrava l-Jeddijiet għal Kumpens li jirriferu għal dik l-art, bl-istess grad u skond l-istess preċedenza kif kienu jaggravaw l-art.

Trasferiment ta' art akkwistata bis-saħħa ta' dan l-Att.

Att XV ta' l-1976

Att XXXIII ta' l-1976

12. (1) Meta l-Ministru b'ordni ppublikat fil-Gazzetta jiddikjara li l-art akkwistata mill-Gvern taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att għandha tiġi trasferita għall-iżvilupp dak it-trasferiment għandu jsir jew favur l-Awtorità tad-Djar kif provdut fl-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, jew għandu jsir b'bejgħ u bil-mod provdut fl-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, u dak it-trasferiment m'għandux isir kemm-il darba dwar dik l-art ma jkunx sar Pjan għall-Iżvilupp għall-Bini mill-Ministru, u dak il-Pjan għall-Iżvilupp għall-Bini ma jkunx ġie approvat b'riżoluzzjoni tal-Kamra:

Iżda s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern ma japplikax għal riżoluzzjoni li tapprova *policy* li tapplika għal art kif imsemmi f'dan l-artikolu:

Iżda wkoll kemm jista' jkun f'kull *policy* magħmula skond l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Proprjetà tal-Gvern għandu jiġi provdut li f'bejgħ magħmul skond dan l-artikolu, għandha tingħata preferenza li dawk li kienu s-sidien ta' l-art minnufih qabel ma' din tkun ġiet dikjarata bħala Area għall-Iżvilupp tal-Bini, għall-akkwist ta' biċċa art li fuqha tinbena dar ta' abitazzjoni biex tkun okkupata minn dak is-sid.

(2) Kull Pjan għall-Iżvilupp tal-Bini msemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jipprovdi għall-ħolqien ta' *area* (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "Strixxa Ħadra") ta' mhux inqas minn mitt metru wisa', ma' tul u ġewwa l-konfini ta' l-Area għall-Iżvilupp tal-Bini u ma jista' jitla' ebda bini fuq dik l-Istrixxa Ħadra:

Iżda ebda Strixxa Ħadra ma tkun meħtieġa bejn il-konfini ta' Area għall-Iżvilupp tal-Bini u Area għall-Iżvilupp tal-Bini oħra, jew bejn il-konfini ta' Area għall-Iżvilupp tal-Bini u art għall-bini, jew bejn il-konfini ta' Area għall-Iżvilupp tal-Bini u xatt il-baħar:

Iżda wkoll meta tkun teżisti Strixxa Ħadra ma' tul il-konfini ta' Area għall-Iżvilupp tal-Bini u dik l-Area għall-Iżvilupp tal-Bini tiġi estiża fuq art li tkun tmiss magħha, id-disposizzjonijiet ta' dan is-sub-artikolu ma jkunux japplikaw iktar għall-konfini oriġinali ta' l-Area għall-Iżvilupp tal-Bini iżda għandhom hekk japplikaw għall-konfini ta' l-Area għall-Iżvilupp tal-Bini kif estiżi.

(3) Il-prezz li bih art f'Area għall-Iżvilupp tal-Bini għandha tinbiegħ skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jiġi stabbilit mill-Ministru; hekk iżda kemm jista' jkun il-prezz għandu jiġi stabbilit bit-tqassim ekwu tal-kost ta' l-akkwist ta' l-art fl-Area għall-Iżvilupp tal-Bini, li miegħu jingħadd kull kumpens li jkollu jitħallas lill-kerrejja

tagħha, miżjud bi tmienja fil-mija għal kull sena jew parti minnha li matulha dik l-art tinżamm mill-Gvern, bejn id-diversi biċċiet ta' art offerti għall-bejgħ kif intqal qabel.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "sid" dwar art miżmuma b'enfitewsi jew b'sub-enfitewsi tfisser persuna li jkollha l-utili dominju jew is-subutili dominju ta' dik l-art u tinkludi kull persuna li lilha jiġi t-titlu mingħand is-sid *causa mortis*.

Projbizzjoni ta' żvilupp barra Arei għall-Iżvilupp tal-Bini.

13. Minkejja l-għoti ta' xi permess jew awtorità taħt xi liġi oħra, b'effett mill-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, ebda persuna ma tista' tibni bini ġdid fuq xi art f'Malta li ma tkunx dikjarata bħala Area għall-Iżvilupp tal-Bini skond l-artikolu 3 ta' dan l-Att.

Il-Ministru jista' jawtorizza li jinbena bini barra Arei għall-Iżvilupp tal-Bini.

14. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 13 ta' dan l-Att, il-Ministru, li jaġixxi fuq *policy* approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra, jista' jawtorizza li jinbena bini fuq art sitwata barra Area għall-Iżvilupp tal-Bini fil-każijiet li ġejjin:

(a) fuq art meqjusa bħala art għall-bini skond l-artikolu 4 ta' dan l-Att; jew

(b) meta l-bini li jkun se jinbena jkun imbiegħed fuq in-naħat kollha minn art għall-bini u minn kull Area għall-Iżvilupp tal-Bini, b'mhux inqas minn mitt metru u ma jkunx se jakkomoda iktar minn żewġ familji; jew

(ċ) meta l-bini li jkun se jinbena jkun maħsub għal użu industrijali, agrikolu, kummerċjali, reliġjuż, kulturali jew filantropiku; jew

(d) meta tkun maħsuba l-estensjoni ta' bini li diġa' jeżisti u dik l-estensjoni ma żżidx in-numru ta' familji li jistgħu jiġu akkomodati f'dak il-bini għal iktar minn żewġ familji; jew

(e) meta l-bini l-ġdid ikun se jinbena fuq art li qabel kienet okkupata minn bini ieħor, u l-bini l-ġdid ma jkunx se jakkomoda iktar familji mill-bini li qabel kien jokkupa l-art, jew il-bini l-ġdid ma jkunx se jakkomoda iktar minn żewġ familji; jew

(f) meta l-bini jkun se jinbena fuq art b'faċċata fuq triq u li tkun bejn bini eżistenti u ieħor fuq l-istess faċċata tat-triq u l-bini ma jkunux imbegħda minn xulxin b'aktar minn għoxrin metru, jew bejn bini eżistenti fuq l-istess faċċata tat-triq u l-kantuniera ta' l-istess triq u bejn dak il-bini eżistenti u l-kantuniera ma jkunux hemm distanza aktar minn ħmistax-il metru.

Iżda fl-approvazzjoni ta' *policy*, il-Kamra għandha tikkunsidra l-ħtiġiet ta' l-ambjent, ekoloġiċi u agrikoli ta' Malta.

Bini li għalih ma japplikax l-artikolu 13

15. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 13 ta' dan l-Att ma japplikawx għal bini li jkun proprjetà tal-Gvern jew ta' xi korp magħqud imwaqqaf b'liġi, jew għal bini li jkun beda jinbena qabel l-erbatax ta' Frar, 1983 u li dwaru jkun hemm permess fis-seħħ f'dik id-data, skond xi regolamenti magħmula taħt il-Kodiċi, jew għal bini mtella' fuq biċċa art akkwistata mingħand l-Awtorità tad-Djar taħt l-Iskema ta' *Home Ownership*, jew għal bini li għall-kostruzzjoni speċifika tiegħu tkun ġiet trasferita art tal-Gvern lil xi persuna.

Permessi u awtorizzazzjonijiet ma jkunux trasferibbli.

16. Permess sabiex jinbena xi bini mogħti skond id-disposizzjonijiet ta' xi regolament magħmul taħt il-Kodiċi jew awtorizzazzjoni mogħtija skond dan l-Att ma jkunx trasferibbli *inter vivos*.

Reati u pieni.

17. (1) Kull persuna li tibni xi bini bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux inqas minn mitt lira Maltija u mhux iżjed minn elf lira Maltija.

(2) Il-Qorti għandha barra minn dan fuq talba tal-prosekuzzjoni tordna lil min jagħmel ir-reat biex iwaqqa' kull bini mibni bi ksur ta' dan l-Att u għandha tistabbilixxi żmien li matulu għandu jsir dak it-twaqqigħ, u fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti tista' tawtorizza lill-Kummissarju biex iwaqqa' l-imsemmi bini għas-spejjeż tal-ħati tar-reat.

(3) Meta ma tkunx tista' tittieħed l-azzjoni kriminali msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu kontra xi persuna minħabba l-mewt tal-ħati tar-reat jew minħabba xi impediment leġittimu ieħor, jew meta l-persuna akkużata tiġi liberata mill-akkuża jew meta ma jkunx magħruf min għamel ir-reat, u l-Qorti tkun sodisfatta li jkun inbena bini bi ksur ta' dan l-Att, il-Qorti tista' tawtorizza lill-Kummissarju biex iwaqqa' l-imsemmi bini wkoll għas-spejjeż tas-sid:

Iżda l-Qorti m'għandhiex hekk tawtorizza t-twaqqigħ tal-bini mingħajr ma tisma' lis-sid, jew jekk is-sid ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jidher, mingħajr ma tisma' lill-kuraturi li jiġu maħtura skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex jirrappreżentaw lil dak is-sid jew lis-sid mhux magħruf skond il-każ.

(4) Meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat kontra dan l-Att il-Qorti għandha b'żieda ma' kull piena oħra tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull bini mtella' bi ksur ta' dan l-Att u l-art li fuqha dan il-bini jkun ġie mtella':

Iżda meta ebda waħda mill-persuni misjuba ħatja kif intqal qabel ma tkun is-sid assolut jew komproprjetarju jew is-sid tan-nuda proprjetà ta' l-art, u l-ħati tar-reat ikollu l-art b'titolu ieħor, il-Qorti tista' tordna l-konfiska ta' dak it-titlu favur il-Gvern.

Setgħa għall-egħmil ta' regolamenti.

18. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jagħti effett aħjar id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jista' b'dawk ir-regolamenti —

(a) jippreskrivi l-forma ta' kull applikazzjoni magħmula jew awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Att;

(b) jippreskrivi liema dokumenti għandhom jiġu ppreżentati ma' kull applikazzjoni taħt dan l-Att;

(ċ) jippreskrivi d-drittijiet li jistgħu jitħallsu għal xi servizz li jista' jsir taħt dan l-Att.

Tħassir ta' proġetti regolaturi magħmula skond il-Kodiċi.

19. Il-proġetti regolaturi kollha magħmula skond il-Kodiċi qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att huma mħassra;

Iżda fejn xi permess maħruġ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, li jkun għadu fis-seħħ meta dan l-Att jibda jseħħ, hemm riferenza għal limitazzjoni ta' għoli, linja jew xi kondizzjoni oħra skond il-proġett regolatur relattiv, dak il-permess għandu jibqa' regolat b'dawk il-kundizzjonijiet, daqslikieku dak il-proġett regolatur ma kienx hekk imħassar.

20. Ebda ħaġa li tinsab f'dan l-Att ma għandha tiftiehem li teżenta lil xi persuna milli tikseb xi permess jew awtorizzazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra dwar il-bini. Riżerva.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 89 tas-7 ta' Marzu, 1983.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati